MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 962/1993/1

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Nicholas Grech**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Lulju 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut fis- 7 ta' Awissu 1991 waqt li kien qed ihaffer f'Valletta Rd, Gudja laqat zewg "cables" propjeta ta' l-attur noe, u ghalhekk ikkaguna danni u hsarat fl-istess cables u dana unikament minhabba imperizja u traskuragini ta' l-istess konvenut;l

Illi danni sofferti mill-attur noe bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi zewg “cables” jammontaw ghal-tmien mija u sebghin lira u erba’ u hamsin centezimu u zewg millezimi (Lm870.54,2);

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dawn id-danni izda baqa’ inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjarah responsabbli ghal hsara  kawzata f’zewg cables proprjeta ta’ l-attur noe li jinsabu f’Valletta Rd, Gudja liema hsara grat fil- 7 ta’ Awissu 1991 u dana minhabba imperizja u traskuragini ta’ l-istess konvenut;

2. Tikkundannah ihallas lill-attur noe is-somma tmien mija u sebghin lira u erba’ u hamsin centezimu u zewg millezimi (Lm870.54,2) in linea ta’ danni sofferti mill-attur noe bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija zewg “cables”.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Lulju 1991, u ta’ l-ittra ufficjali tas- 6 ta’ April 1993 u bl-interessi mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali u bis-subizzjoni tal-konvenut.        ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fl-1 ta' Dicembru 1993 fejn qal:

Illi mhux responsabbli tal-hsara li grat fiz-zewg cables tat-Telemalta li saret fil- 7 ta’ Awissu, 1991;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-15 ta' Frar 1994 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Joseph Huntingford bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u

jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-3 ta' Awissu 1994 li permezz tieghu, in sostituzzjoni tal-perit tekniku msemmi li miet fil-mori tal-kawza, gie nominat l-A.I.C. Joseph Borg Costanzi;

Rat id-digriet tat-18 ta' Jannar 1996 fejn, fuq talba tal-perit tekniku biex jigi sostitwit, gie nominat l-A.I.C. Albert Fenech;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku debitament mahlufa fis-6 ta' Novembru 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda hsarat ikkawzati f'*cables* ta' l-elettriku waqt xoghol ta' thaffir li kien qieghed jaghmel il-konvenut f'bicca art proprjeta` ta' certu Carmelo Cassar 'il gewwa mil-linja tat-triq.

Il-konvenut xehed li huwa kien gie nkarigat mill-imsemmi Carmelo Cassar sabiex ihaffer ghall-pedament tal-bini li ried jaghmel. Qal li huwa saqsa lil Cassar jekk kellux permess tal-bini u wiegbu li kellu u li "hawnhekk m'hawn xejn ghax ilu aktar minn tletin sena sa hamsa u tletin sena". Il-konvenut stqarr li ma kienx applika biex ihaffer peress li kull ma kellu xoghol ta' siegha u 'l gewwa mit-triq u ma kienx jaf li biex thaffer 'il gewwa mit-triq trid permess. Lanqas ma jirrizulta li Carmelo Cassar applika ghal xi permess u l-fatt li kellu l-permess tal-bini wahdu ma jezonerax mill-htiega li jsiru l-applikazzjonijiet opportuni skond il-ligijiet ta' pajjizna ghax-xoghol relatat mal-bini li jkun jrid isir. Wara kollox, kif osserva l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, il-permess mahrug minn, dak iz-zmien, il-PAPB, kellu fost kondizzjonijiet ohra s-segwenti:

*"This permit does not dispense the grantee from the necessity of obtaining from any Department or Authority a permit, licence, or any other permission required by any*

*law or regulation, in force from time to time, in respect of the construction, reconstruction, repair, or alteration of a building, or of acquiring materials for such work"*.

Issa s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27 tal-Kap 10 (Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija) jistipula illi **"Hadd ma jista' jibda jibni jew jaghmel tahfir li jmiss ma' triq jew f'boghod ta' hmistax-il metru minn triq, minghajr qabel ma jaghti avviz ta' dan lid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"**. Il-konvenut ammetta li ma ghamel l-ebda applikazzjoni u qaghad biss fuq dak li qallu sid l-art li kellu permess ghall-bini li, kif diga` ghidna, ma jezonerax la lis-sid u wisq anqas lil min ikun se jesegwixxi x-xoghlijiet milli jottjeni l-permessi mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti, f'dan il-kaz id-Direttur Tax-Xoghlijiet Pubblici.

Ir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni u attrici kkonfermaw li ma saret l-ebda applikazzjoni biex jinghata permess biex isir it-thaffir. Fil-fatt kieku saret applikazzjoni lid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici dan kien jirreferi dik l-applikazzjoni lil diversi Dipartimenti koncernati ghall-kummenti taghhom.

Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1996 Lawrence Zammit ghall-Korporazzjoni attrici esebixxa bhala Dok. LZ3 formola li xehed li bhalha suppost issottometta l-konvenut qabel ma beda jhaffer. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar din il-formola li certament ma taghti l-ebda indikazzjoni li qabel ma wiehed jibda jhaffer f'art li ma tiffurmax parti minn triq ghandha timtela l-istess formola. Difatti l-formola hi ntestata "APPLIKAZZJONI GHAL PERMESS BIEX TITHAFFER TRINKA FI TRIQ". Barra minn hekk fir-raba' pagna ta' din il-formola hemm estratti ta' diversi provvedimenti fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija li jirrigwardaw it-toroq u l-artikolu 27 ta' dak il-Kodici mhuwiex imsemmi. Mela jew giet ipprezentata formola b'ohra jew formola biex jintalab permess skond l-artikolu 27 ma tezistix. Jekk ma tezistix allura dan huwa nuqqas li ghandu jigi rettifikat minnufih mid-Dipartiment koncernat.

Nonostante cio`, dan ma jezonerax lill-konvenut mir-responsabbilta` li kellu l-konvenut skond l-istess-artikolu

27 tal-Kap 10 peress li l-ligi hija cara u ma jistax igib bhala skuza li ma kienx jaf li kellu japplika ghal permess. Mill-provi jirrizulta li t-thaffir kien qieghed isir f'distanza ferm inqas minn hmistax-il metru mit-triq. Difatti waqt l-access li zamm il-perit tekniku fit-8 ta' Frar 1999 irrizulta li l-medda tal-*cables* in kwistjoni kienet ghaddejja madwar hmistax-il pied, jew **4.57 metri** fuq naha u madwar erbatx-il pied, jew **4.27 metri** fuq in-naha l-ohra 'l gewwa mill-allinejament tat-triq. Waqt dak l-access gie rilevat ukoll li originarjament it-triq li minn Hal-Tarxien tiehu ghal Gudja, jew vice-versa, kienet twessghet u l-*cables* in kwistjoni kienu jghaddu ghad-dritt mill-ghelieqi u t-twessiegh tat-triq li sar ma wasalx sa fejn kienu l-*cables*. Dan il-fatt ovvjament sfugga lill-konvenut u certament kien jirrizulta li kieku saret applikazzjoni kif previst mil-ligi. Ta' min jinnota wkoll l-osservazzjoni tal-perit tekniku li l-konvenut lanqas ma uza *cable detector* li zgur kien jindikalu l-prezenza tal-*high tension cables* in kwistjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-Korporazzjoni attrici ma jista' jkollha l-ebda responsabbilta` diretta ghad-danni li sofriet fil-proprjeta` taghha. Seta' kellha responsabbilta` indiretta li kieku giet interessata fil-processar ta' l-applikazzjoni li suppost saret qabel me beda t-thaffir. Izda billi ma saret l-ebda applikazzjoni, lanqas ma jista' jkollha responsabbilta` indiretta. Il-konvenut mhux biss naqas meta ma ssottometta l-ebda applikazzjoni, izda naqas milli jiehu l-aktar prekawzjonijiet bazici - dak li jassigura ruhu personalment permezz ta' *cable detector* jew anke billi almenu jsaqsi l-ufficcju distrettwali tal-Korporazzjoni attrici jekk kienx hemm *cables* ghaddejjin mill-istess art - u dan, wara kollox, fl-interess ta' l-inkolumita` tieghu stess u ta' terzi.

Is-somma mitluba mill-Korporazzjoni attrici hi ta' Lm870.54. Dwar din is-somma ma saret l-ebda kontestazzjoni u lanqas ma saret xi kontro-talba minhabba x-xoghol u spejjez li seta' kellu l-konvenut biex haffer hu stess trinka gar-*re-routing* tal-*cables*. Ghalhekk, u in vista ta' dak li diga` ntqal qabel fir-rigward, il-Qorti mhijiex se taccetta s-suggeriment tal-perit tekniku biex jitnaqqas terz

mis-somma pretiza mill-Korporazzjoni attrici minhabba dak li jsejjah anomalija fil-formola ta' l-applikazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kawzata f'*zewg cables* proprjeta` ta' l-attur nomine li jinsabu f'Valletta Road, Gudja, liema hsara grat fis-17 ta' Awissu 1991 u dana minhabba imperizja u traskuragni ta' l-istess konvenut.
2. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tmien mija u sebghin liri Maltin, erbgha u hamsin centezmu u zewg millezmi (Lm870.54,2) in lineja ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija zewg *cables*.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax, stante li ma gietx esebita kopja ta' l-ittra ufficjali msemmija, mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------